MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53

**Il-Ħamis, 25 ta' Mejju, 2023**

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-ufficcji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 53.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

53.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

53.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 53.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

53.2.1 Is-Sindku ppreżenta proposta sabiex fil-futur nagħmlu treasure hunt bit-tablets fejn fl-istess ħin tkun qed tagħti dettalji informattivi dwar il-lokalità, ippropona wkoll li għandha ssir wirja ta' artiġjanat tal-artisti fir-raħal tagħna. Il-Kunsill qabel unanimament.

53.2.2 Is-Sindku qal li fl-aħħar ħarġa tal-anzjani u ommijiet morna tajjeb ħafna. Sar qbil sabiex tiġi organizzata ħarġa simili iktar sikwit.

53.2.3 Is-Sindku qal li l-ħaddiema tal-id bħalissa qed jagħmlu diversi xogħolijiet madwar il-pjazza bħal żebgħa lill-bollards, bankijiet u tiswija u żebgħa fit-telefon box eċċ, huwa qal grazzi għal dawn il-ħaddiema qed ikollna ċ-ċans li nżommu r-raħal aktar mantenut.

53.2.4 Is-Sindku rrefera għall-ħaddiem li ġie trasferit mill-Kunsill Lokali tal-Għarb mid-dipartiment tal-Gvern Lokali, hu nforma li issa uffiċjalment dan ġie trasferit pero l-allokazzjoni tal-ħlas tiegħu għadha ma għaddietx lill-Kunsill ta' San Lawrenz. Is-Sindku qal li preżentament, hu flimkien mas-SE qed jibgħatu reminders lid-DLG sabiex tgħaddi l-paga lis-Sur Portelli.

53.2.5 Is-SE qalet li kien hemm korrispondenza mingħand resident fi Triq Wied il-Merill fejn semma li il-bankina ġdida li saritlu quddiem il-post, ser tiġi imkissra peress li t-triq dejqa. Il-Kunsill qabel unanimament li titwaħħal ħadida u peress għandha titranġa it-triq fil-futur, isir traffic management darba għat-triq kollha.

53.2.6 Is-SE qalet li kellna korrispondenza mingħand Ms Rachel Micallef sabiex isiru fitness courses fix-xitwa. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru fis-sala tal-iskola.

## 53.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

53.3.1 Il-viċi sindku Anthony Formosa fakkar fit-tabelli tad-Dwejra u patching tad-Dwejra. Is-SE qalet li rigward it-tabelli tkellmet mal-persuna inkarigata u għandhom jitwaħħlu.

53.3.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi saqsa jekk jistax ikun hemm soluzzjoni għall-problema ta' parking fi Triq il-Wileġ. Is-Sindku fakkar li f'dik it-triq se jiġi ippjanat traffic management.

53.3.3 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet jekk tistax tmur għall-laqgħa li se ssir lill-Animal Stewards. Is-SE qaltila li meta toħroġ id-data u l-post tinfurmha.

## 53.4 Preparazzjoni għall-Festa 2023;

53.4.1 Is-Sindku qal li preparamenti għall-festa għandhom jibdew, fejn dawn jinkludi permessi, bookings tal-mobile toilets, permessi tal-hawkers u diversi affarijiet oħrajn.

Is-Sindku qal li rigward l-placement tal-hawkers, il-kumitat tal-festa issuġġerixxa li ma jibqgħux qrib il-pjazza iżda jersqu iktar il-barra fi Triq San Lawrenz. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-kunsilliera Carmena Grima issuġġeriet li naħsbu għall-parking għal dak iż-żmien tal-festa. Is-Sindku qal li ser ikellem li xi sidien tal-għelieqi sabiex jintużaw bħala parking temporanju.

Is-Sindku informa ukoll li wara li ssottomenta applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Kultura, il-Kunsill ingħata €5,000 għall-festival tal-ġimgħa tal-festa.

## 53.5 Sejħa għall-Assistant Principal;

53.5.1 Is-SE informat li għall-applikazzjoni interna tas-sejħa għall-iskrivan kien hemm applikazzjon waħda biss. Is-SE qalet li l-evaluation board intervista u approva lis-Sja Claire Hili. Is-Sindku qal li lill-Ms Cauchi nixtrula plakka ta' tifkira kif dejjem isir. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 53.6 Audited Financial Statements 2022;

53.6.1 Is-SE qalet li minn naħa tal-Kunsill, bagħat id-dokumeti rikjesti kollha lill-awditur, pero min naħa tal-awdituri, għadhom ma bagħtux ir-risposti finali.

## 53.7 Tender Adjudication;

53.7.1 Is-SE qalet li rigward it-tender: ***'SUPPLIES – TENDER FOR THE REFURBISHMENT OF THE SAN LAWRENZ LOCAL PARISH CENTRE'*** il-bids li kien hemm kienu over budget u għalhekk se jerġa jinħareġ it-tender fast track.

Is-SE qalet li rigward it-tender: ***'SERVICES – TENDER FOR THE REFURBISHMENT OF THE SAN LAWRENZ LOCAL PARISH CENTRE',*** ġiei evalwat it-tender rigward works u l-iktar offerta technically and financially complaint kienet tas-sur Mark Attard, €40,970,

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 53.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

53.8.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

53.8.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 53.9.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

53.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:30 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 27 ta' Ġunju 2023 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 54

It-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 2023

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

**SKUŻAT:**

George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 54.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

54.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

54.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 54.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

54.2.1 Is-Sindku ppreżenta proposta sabiex fil-futur nagħmlu treasure hunt bit-tablets fejn fl-istess ħin tkun qed tagħti dettalji informattivi dwar il-lokalità, ippropona wkoll li għandha ssir wirja ta' artiġjanat tal-artisti fir-raħal tagħna. Il-Kunsill qabel unanimament.

54.2.2 Is-Sindku qal li Corner Street qed ikun hemm problema kbira ta' trakkijiet kollha terrapien u ġebel li jibqgħu deħlin Triq Wied Gonu. Il-viċi sindku kompla jgħid li l-ispeeding tagħhom ukoll problema. Wara diskussjoni sar qbil li nibgħatu lit-Transport Malta sabiex ngħidulhom li din is-sitwazzjoni m'hiex aċċettabbli. Is-Sindku ppropona wkoll li nkomplu nisħqu li nagħmlu aware lil TM li l-ħsara li qed issir fit-toroq minn dawn it-trakkijiet il-Kunsill qatt ma qed jiġi kumpensat tagħhom.

54.2.3 Is-Sindku informa li għall-iskema *Kulturali Annwali - 2023/2024 - SCI/SPI 01/2023*, l-Kunsill ta' San Lawrenz ħa fondi massimimi li ammontaw €20,000. Hu kompla jgħid li dan se jinkludi diversi attivitajiet fl-isqaqien ta' madwar ir-raħal.

54.2.4 Is-Sindku qal li l-proġett ta' – *M3- Gozo Attractions and Innovative Events for all Seasons – Develop Gozo's all-season tourism product offering* il-Kunsill ġie awarded is-somma ta' €131,912.99. Is-Sindku qal li dan ser ikun proġett ta' kultura li jikkonsisti f'diversi avvenimenti, inkluż 3d mapping mal-pjazza kollha, artist's residence, jinbidlu l-fanali kollha ta' Triq Monsarrat, fondi għall-kostumi tal-folk group eċċ. Is-Sindku qal li għandna nibdew nibgħatu d-dokumenti kollha neċċessarji sabiex nibdew nippreparaw.

Is-SE qalet li dan eżempju wieħed ta' proġett fejn il-Kunsill irid joħroġ madwar €70,000 minn qabel, u jrid jistenna tul ta' żmien, jekk ma jkunx hemm penali, sabiex jiġbor il-flus lura. Is-SE qalet li waqt li qed taħdem l-accounts mal-accountant tal-Kunsill, qed issib li s-sitwazzjoni finanzjarja preżenti m'hix waħda favorevoli. Is-SE kompliet tgħid li filwaqt li hi bagħtet għall-claims kollha li hemm pendenti, il-Kunsill għadu ma ġiex rimborsat għall-claims, dawn jikkonsistu fl-avvenimenti kollha tal-Milied, skema regjonali, skema kulturali annwali u fl-MOU tad-Dwejra. Is-SE qalet li anke jekk jinġabru dawn il-flus kollha, il-finanzi previżti li qed jiġu fin-negattiv u operating cash flow hu batut ħafna.

54.2.5 Is-SE qalet għat-tender: DEVELOPMENT OF SAN LAWRENZ COMMUNITY WEBSITE AND MOBILE APPLICATION – minħabba kunflitt ta' interess, saret riċerka u jekk ikun hemm qbil, ser jiġi ifformulat dan l-evaluation board: Chairman: Dr Mintoff, Secretary, Sja Formosa, u membri tal-bord: Dr Grech, Christian Galea u Johnatan Mizzi. Il-Kunsill qabel unanimament.

54.2.6 Is-SE qalet li kellha rikjesta mingħand Loretta Cauchi sabiex testendi n-notice period tagħha sal-aħħar ta' Ġunju 2023. Is-SE qalet ukoll li kellha diskussjoni ma Sja Cauchi sabiex taħdem diversi sagħat li ma inkitbux fit-*time off* sheet tagħha u Ms Cauchi qablet mas-SE li ser taħdimhom. Il-Kunsill qabel unanimament.

54.2.7 Is-SE qalet li waslet email mingħand ic-CRPD fejn qalu li l-bankini li jinstabu fi Triq id-Duluri, kif ukoll l-bankina ġdida li ġiet installata fi Triq San Lawrenz, m'humiex compliant. Il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel online meeting ma CRPD.

54.2.7 Is-SE qalet li waslet email mingħand AKL fejn proponew xi charging points locations madwar ir-raħal. Wara diskussjoni sar qbil li l-unika points li qed jaċċetta l-Kunsill huma: Triq Nicholas Monsarrat u Triq tad-Dwejra.

## 54.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

54.3.1 Il-viċi sindku Anthony Formosa li kellu rikjesta sabiex issir tabella ġdida faċċata ta' tat-tabelli proposti, sabiex klieb ma jinżlux fil-bajja. Il-Kunsill qabel unanimament.

54.3.2 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet jekk possibli t-toilets tad-Dwejra jitbattlu f'ħin li ma jkunx hemm turisti. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 54.4 Kuntratt tal-Knis;

54.4.1 Is-Sindku qal li bħala miżura prattika għas-sitwazzjoni finanzjarja u peress li qed jirċievi ħafna ilmenti rigward l-istat ta' knis fir-raħal qed jipproponi li l-Kunsill jipprova esperiment li l-knis jinħadem ħaddiema tagħna tal-id u jekk ikun hemm qbil mal-kuntrattur, il-kuntratt preżenti tagħna magħhom jaqa. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 54.5 Tabella Ġdida;

54.5.1 Is-Sindku preżentatment ninsabu mingħajr tabella li tagħti merbħa fl-entratura tar-raħal. Is-Sindku propona li nużaw l-iskeletru tat-tabella l-qadima sabiex niffrankaw il-flus. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 54.6 Audited Financial Statements 2022;

54.6.1 Is-SE qalet li kellhom jibgħatu l-aħħar draft mingħand l-partner auditor pero għadhom ma bagħtux ir-risposti finali.

## 54.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

54.8.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

54.8.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 54.9.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

54.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:15 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 19 ta'Lulju 2023 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

## Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

**L-Erbgħa, 5 ta' Lulju, 2023**

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 55.1 Audited Financial Statements 2022

55.1.1 Is-SE u l-accountant tal-Kunsill Ms Sultanta, ippreżentaw ir-rapport finanzjarju 2022 verifikat. Dan wara li kienu saru xi aġġustamenti mill-awdituri u tibdil li għamlet l-accountant.

55.1.2 Ir-rapport ġie spejgat fid-dettall mill-accountant fejn qalet li l-FSI qed fin-negattiv 9% dan meta għandu jkun minimu ta 10% fil-pożittiv. Is-SE wriet it-tħassib tagħha u hi flimkien mas-Sindku u mal-accountant ftemhu biex jiltaqgħu biex jitwettaq pjan fejn intejbu l-pożizzjoni tal-Kunsill.

55.1.3 Ir-rapport ġie approvat mill-Kunsill.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali San Lawrenz**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

**L-Erbgħa, 5 ta' Lulju, 2023**

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 55.1 Audited Financial Statements 2022

55.1.1 Is-SE u l-accountant tal-Kunsill Ms Sultanta, ippreżentaw ir-rapport finanzjarju 2022 verifikat. Dan wara li kienu saru xi aġġustamenti mill-awdituri u tibdil li għamlet l-accountant.

55.1.2 Ir-rapport ġie spejgat fid-dettall mill-accountant fejn qalet li l-FSI qed fin-negattiv 9% dan meta għandu jkun minimu ta 10% fil-pożittiv. Is-SE wriet it-tħassib tagħha u hi flimkien mas-Sindku u mal-accountant ftemhu biex jiltaqgħu biex jitwettaq pjan fejn intejbu l-pożizzjoni tal-Kunsill.

55.1.3 Ir-rapport ġie approvat mill-Kunsill.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv